

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 523/2012

tal-20 ta' Ġunju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi motorizzati, il-karrijet tagħhom u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżi għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(4) Skont id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (⁴), il-manifatturi tal-vetturi li jridu l-approvazzjoni għas-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom għandhom l-għażla li jissodis far-ir-rekwiżiti ta' waħda mid-Direttivi relevanti jew ir-Regolamenti korrispondenti tal-UNECE. Il-biċċa l-kbira tar-rekwiżi skont id-Direttivi dwar il-parts tal-vetturi huma meħuda mir-Regolamenti korrispondenti tal-UNECE. Hekk kif it-teknoloġija timxi 1 quddiem, ir-Regolamenti tal-UNECE qegħdin jiġi emendati l-ħin kollu u d-Direttivi relevanti għandhom jiġu aġġornati regolarment biex jinżammu konformi mal-kontenut tar-Regolamenti rispettivi tal-UNECE. Sabiex tiġi evitata din id-duplikazzjoni, il-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 irrakkomanda li bosta Direttivi jiġu sostitwiti mir-Regolamenti korrispondenti tal-UNECE.

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE (²), l-Unjoni aderix-xiet għall-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-partijiet li jistgħu jintrapraw u/jew jiġi użati fuq vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija abbażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("il-Ftehim tal-1958 Rivedut").

(5) Il-possibbiltà li jiġi applikati r-Regolamenti tal-UNECE għall-iskop tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-KE fuq bażi obbligatorja u li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi sostitwita minn dawk ir-Regolamenti tal-UNECE hija stipulata fid-Direttiva 2007/46/KE. Skont ir-Regolament (KE) Nru 661/2009, l-approvazzjoni tat-tip skont ir-Regolamenti tal-UNECE li jaġplikaw fuq bażi obbligatorja se titqies bħala approvazzjoni tat-tip tal-KE skont dak ir-Regolament u l-miżuri implemantattivi tiegħu.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 97/836/KE, l-Unjoni aderiet ukoll mar-Regolament tal-UNECE Nru 30 dwar it-tajers pnevmatiċi għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, ir-Regolament Nru 54 dwar it-tajers pnevmatiċi għal vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom, u r-Regolament Nru 64 dwar l-użu temporanju ta' unitajiet żejda, tajers run-flat, sistema run-flat u sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers.

(6) Is-sostituzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni bir-Regolamenti tal-UNECE tħiġi biex ma jkunx hemm duplikazzjoni mhux biss tar-rekwiżi tekniċi iżda wkoll tal-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri amministrattivi. Barra minn hekk, l-approvazzjoni tat-tip li hija direttament ibbażata fuq standards li hemm qbil fuhom internazzjonally għandha ttejjeb l-aċċess għas-suq fil-pajjiżi terzi, b'mod partikolari f'dawk li huma partijiet kontranti għall-Ftehim Rivedut tal-1958, u b'hekk tissahħħah il-kompetittivitā tal-industrija tal-Unjoni.

(3) Permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (³) separata, l-Unjoni aderiet mar-Regolament tal-UNECE Nru 117 dwar l-emissionijiet ta' ħsejjes mit-tidvir tat-tajers u l-adeżjoni fuq uċuħ imxarrba.

(¹) ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1.

(²) ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

(³) COM(2003) 635 finali — Adozzjoni permezz ta' dokument mhux ippubblifikat.

(⁴) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

- (7) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 jipprovd iġ-ġħaż-żewġ ta' bosta Direttivi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi motorizzati, il-karrijet tagħhom u sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati intiżi għalihom, li, għall-iskopijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE skont dak ir-Regolament għandhom jiġu sostitwi bir-Regolament korrispondenti tal-UNECE biex jiġi żgurat li jinżammu d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u jiġi ffaċilitati l-iż-żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.
- (8) Minħabba fhekk, jixraq li r-Regolament tal-UNECE Nru 30, 54, 64 u 117 jiddaħlu fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009, li jelenka l-listi tar-Regolamenti tal-UNECE li japplikaw fuq bażi obbligatorja.
- (9) Jixraq ukoll li jiġi ċċarat l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 407/2011⁽¹⁾, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-UNECE Nru 13 dwar l-ibbrejkjar tal-vejirkoli u t-trejlers, ir-Regolament Nru 13-H dwar l-ibbrejkjar tal-karozzi tal-passiġġieri, ir-Regolament Nru 34 dwar il-prevenzjoni tar-riskju min-nirien (tankijiet tal-fjuwil likwidu) u r-Regolament Nru 55 dwar komponenti ta' kkoppjar mekkaniku ta' kombinazzjoni jiet ta' vetturi.
- (10) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 għandu għalda qstant jiġi emendat b'dan il-mod.
- (11) Ir-Regolamenti tal-UNECE elenkti fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw skont id-dati tal-implementazzjoni stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009.
- (12) Il-miżuri pprovdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku — Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, ir-Regolament tal-UNECE Nru 30, suppliment 16 tat-02 serje ta' emendi⁽²⁾, u r-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje ta' emendi⁽³⁾, inklużi r-rekwiżiti dwar il-ħsejjes tat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafu 6.1.1, ir-rekwiżiti għall-prestazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab stipulati fil-paragrafu 6.2, u r-rekwiżiti tar-reżistenza għat-tidwir tal-istadju 1 stipulati fil-paragrafu 6.3.1 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandhom japplikaw għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' tajers tal-Klassi C1.

2. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolament tal-UNECE Nru 30, suppliment 16 tat-02 serje ta' emendi, u r-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje ta' emendi, inklużi

r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab stipulati fil-paragrafu 6.2 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandhom japplikaw għall-fini ta' reġistrazzjoni, bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C1.

3. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, ir-Regolament tal-UNECE Nru 54, suppliment 17 tal-verżjoni orīginali tar-Regolament⁽⁴⁾, u r-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje ta' emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar il-ħsejjes tat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafi minn 6.1.2 sa 6.1.3 u r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tal-istadju 1 stipulati fil-paragrafu 6.3.1 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandhom japplikaw għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' tajers tal-Klassi C2 u C3.

4. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolament tal-UNECE Nru 54 suppliment 17 tal-verżjoni orīginali tar-Regolament, għandu japplika fuq bażi obbligatorja għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C2 u C3.

5. B'effett mill-1 ta' Novembru 2016, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar il-ħoss tat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafi minn 6.1.1 sa 6.1.3 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C1, C2 u C3.

6. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tal-1 stadju stipulati fil-paragrafu 6.3.1 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C1 u C2.

7. B'effett mill-1 ta' Novembru 2016, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tal-1 stadju stipulati fil-paragrafu 6.3.1 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C3.

8. B'effett mill-1 ta' Novembru 2016, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafu 6.3.2 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw għall-fini approvazzjoni tat-tip ta' tipi ġodda ta' tajers tal-Klassi C1, C2 u C3.

9. B'effett mill-1 ta' Novembru 2018, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafu 6.3.2 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw fuq bażi obbligatorja għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C1 u C2.

10. B'effett mill-1 ta' Novembru 2020, ir-Regolament tal-UNECE Nru 117, it-02 serje tal-emendi, inklużi r-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għat-tidwir tat-2 stadju stipulati fil-paragrafu 6.3.2 ta' dak ir-Regolament tal-UNECE, għandu japplikaw għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' tajers ġodda tal-Klassi C3.

⁽¹⁾ ĠU L 108, 28.4.2011, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 201, 30.7.2008, p. 70.

⁽³⁾ ĠU L 231, 29.8.2008, p. 19.

⁽⁴⁾ ĠU L 183, 11.7.2008, p. 41.

11. Tajers ġodda tal-Klassijiet C1, C2 u C3 li kienu ġew manifatturati qabel id-dati stipulati fil-paragrafu 2 li jikkonċerna r-rekwiżiti ġenerali u l-prestazzjoni tal-qabda fuq wiċċ imxarrab, il-paragrafu 4 li jikkonċerna rekwiżiti ġenerali, il-paragrafu 5 li jikkonċerna ħoss tal-irrumblar tat-2 stadju, il-paragrafi 6 u 7 li jikkonċernaw rekwiżiti dwar ir-reżistenza għall-irrumblar tal-1 stadju, kif ukoll il-paragrafi 9 u 10 li jikkonċernaw ir-rekwiżiti dwar ir-reżistenza għall-irrumblar tat-2 stadju, u li ma jkunux konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, jistgħu jinbiegħu u jiddahħllu fis-servizz għal perjodu addizzjonali li ma jaqbiżx it-30 xahar minn dawk id-dati.

Artikolu 3

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE lil tipi ġodda ta' tajers għall-vetturi tal-kategorija M₁ li ma jkunux mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS) konformi mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 64, it-02 serje ta' emendi, rettifikasi 1 (¹).

2. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE lil tipi ġodda ta' tajers għall-vetturi tal-kategorija M₁ li ma jkunux

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2012.

mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS) konformi mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fir-Regolament tal-UNECE Nru 64, it-02 serje ta' emendi, rettifikasi 1.

Artikolu 4

1. B'effett mill-1 ta' Novembru 2012, ir-Regolament tal-UNECE Nru 64, it-02 serje ta' emendi, rettifikasi 1, għandu jappilika għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tajers ġodda għall-vetturi tal-kategoriji M₁ u N₁, fkażżejjiet fejn it-tali vetturi jkunu mgħammra b'apparat kopert minn dak ir-Regolament.

2. B'effett mill-1 ta' Novembru 2014, ir-Regolament tal-UNECE Nru 64, it-02 serje ta' emendi, rettifikasi 1, għandu jappilika fuq bażi obbligatorja għall-fini ta' bejgħ u dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda tal-kategoriji M₁ u N₁, fkażżejjiet fejn it-tali vetturi jkunu mgħammra b'apparat kopert minn dak ir-Regolament.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea*.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(¹) ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18.

ANNESS

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 661/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-lista tar-Regolamenti tal-UNECE applikabbi fuq bażi obbligatorja hija emendata kif ġej:

(a) L-annotazzjoni għar-Regolement Nru 13 tinbidel b'dan li ġej:

“13	Ibbrejkjar ta' vetturi u trejlers	Is-Suppliment 5 mas-serje ta' emendi 10 Il-Rettifikasi 1 u 2 lir-Reviżjoni 6 Is-Suppliment 3 mas-serje ta' emendi 11	ĠU L 257, 30.9.2010, p. 1 ĠU L 297, 13.11.2010, p. 183	M, N, O ^(b) ”
-----	-----------------------------------	--	---	--------------------------

(b) Ir-Regolamnet Nru 30 li ġej jiddaħħal bejn ir-Regolament Nru 28 u r-Regolament Nru 31:

“30	Tajers pneumatici għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (Klassi C1)	Is-Suppliment 16 mas-serje 02 ta' emendi	ĠU L 201, 30.7.2008, p. 70 ĠU L 307, 23.11.2011, p. 1	M, N, O”
-----	---	--	--	----------

(c) L-annotazzjoni għar-Regolement Nru 34 tinbidel b'dan li ġej:

“34	Prevenzjoni tar-riskji tan-nar (tankijiet tal-fjuwil likwidu)	Is-Suppliment 2 mas-serje 02 ta' emendi	ĠU L 194, 23.7.2008, p. 14	M, N, O ^(d) ”
-----	---	---	-------------------------------	--------------------------

(d) Ir-Regolamnet Nru 54 li ġej jiddaħħal bejn ir-Regolament Nru 48 u r-Regolament Nru 55:

“54	Tajers pneumatici għal vetturi kummerċjali u t-trejlers tagħhom (Klassijiet C2 u C3)	Is-Suppliment 17 mal-verżjoni oriġinali tar-Regolament	ĠU L 183, 11.7.2008, p. 41 ĠU L 307, 23.11.2011, p. 2	M, N, O”
-----	--	--	--	----------

(e) L-annotazzjoni għar-Regolement Nru 55 tinbidel b'dan li ġej:

“55	Komponenti tal-igġanċjar mekkaniku ta' kombinazzjoni-jiet ta' vetturi	Is-Suppliment 1 mas-serje 01 ta' emendi	ĠU L 227, 28.8.2010, p. 1	M, N, O ^(e) ”
-----	---	---	------------------------------	--------------------------

(f) Ir-Regolament Nru 64 li ġej jiddaħħal bejn ir-Regolament Nru 61 u r-Regolament Nru 66:

“64	Unitajiet żejda għal użu temporanju, sistema/tajers run-flat u sistema tal-monitorgħi tal-pressjoni tat-tajers	Is-serje 02 ta' emendi, rettifica 1	ĠU L 310, 26.11.2010, p. 18	M ₁ , N ₁ ”
-----	--	-------------------------------------	--------------------------------	-----------------------------------

(g) Ir-Regolament Nru 117 li ġej jiddaħħal bejn ir-Regolament Nru 116 u r-Regolament Nru 118:

“117	Tajers fir-rigward ta' emissjonijiet tal-ħsejjes tat-tidwir, adeżżoni fuq učuh imxarrba u reżistenza għat-tidwir (Klassijiet C1, C2 u C3)	Serje 02 ta' emendi	ĠU L 307, 23.11.2011, p. 3	M, N, O”
------	---	---------------------	-------------------------------	----------

(2) In-Noti mat-tabella huma emendati kif ġej:

(a) In-Noti (b) u (c) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) L-attrezzar ta' sistema ta' kontroll tal-istabbilità elettroniku huwa meħtieġ skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-Anness 21 tar-Regolament tal-UNECE Nru 13 hija obbligatorja għall-għanijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tipi ġodda ta' vetturi kif ukoll għar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda. Madankollu, id-dati tal-implementazzjoni li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontroll tal-istabbilità elettroniċi msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jaapplikaw minflok id-dati msemmija f'dak ir-Regolament tal-UNECE.”

(c) L-attrezzar ta' sistema ta' kontroll tal-istabbilità elettroniku huwa meħtieġ skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-Parti A tal-Anness 9 tar-Regolament tal-UNECE Nru 13-H hija obbligatorja għall-għanijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' tipi ġodda ta' vetturi kif ukoll għar-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda. Madankollu, id-dati tal-implementazzjoni li jikkonċernaw is-sistemi ta' kontroll tal-istabbilità elettroniċi msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jaapplikaw minflok id-dati msemmija f'dak ir-Regolament tal-UNECE.”

(b) Jiżdiedu l-punti (d) u (e) li ġejjin:

“(d) Il-konformità mal-Parti II tar-Regolament tal-UNECE Nru 34 hija obbligatorja.

(e) Kull meta manifattur ta' vettura jistqarr li vettura hija adatta biex tirmonka tagħbix (il-punt 2.11.5 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE), l-ebda tagħmir tal-ikkoppjar attrezzat magħha ma għandu jgħatti xi komponent tad-dwal (eż. il-fanal ta' wara ta' kontra c-ċċpar) jew l-ispażju għall-immuntar u t-twaħħil tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara, sakemm it-tagħmir tal-ikkoppjar mekkaniku ma jkunx jista' jitneħħa jew jiġi ripożizzjonat bla ma tintuża l-ebda għoddha, inklużi ċwievet tar-rilaxx.”
